MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2009

Talba Numru. 1982/2005

**Emanuel sive Leli u Grace konjugi Sultana,**
**karta ta' l-identita` numru 16052(M) u**
**0874552(M) rispettivament**

**Vs**

**Paul Camilleri 801759(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** pprezentat fl-20 ta' Dicembru 2005 li permezz tieghu l-atturi ppremettew illi permezz ta' skrittura privata ffirmata bejn il-partijiet nhar it-30 ta' Marzu 2005 quddiem in-Nutar Dr Anthony Bonnici (Dok A), il-konvenut ikkostitwixxa ruhu debitur a favur tal-attur fis-somma ta' elfejn u mitt liri Maltin (Lm2100) rapprezentanti bilanc tal-prezz ta' vettura ossia van tal-marka Ford Escort, numru ta' registrazzjoni CAG 579 kopja tal-log book anness (Dok B).

Illi inoltre ai termini tal-istess ftehim il-konvenut obbliga ruhu illi jhallas id-debitu ta’ Lm2100 fuq indikat lill-attur f’pagamenti mensili ta’ mitt Lira Maltija (Lm100) bid-dekadenza tal-beneficcju tat-terminu fl-eventwalita` illi l-konvenut jonqos milli jhallas tliet pagamenti konsekuttivi f’ammonti ekwivalenti.

Illi l-konvenut naqas milli jhallas pagamenti minnu dovuti ghal tliet darbiet konsekuttivi u ghalhekk iddekada mill-beneficcju tat-terminu.

Illi l-bilanc dovut mill-konvenut lill-attur jammonta ghal elf u hames mitt Lira Maltija (Lm1500).

Illi l-konvenut interpellat sabiex jersaq ghall-hlas baqa` inadempjenti u ghadu jutilizza l-vettura in kwistjoni u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant l-attur jitlob li dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu:
1. Jiddikjara u jiddeciedi illi l-konvenut naqas milli jaghmel hlas ghal tliet darbiet konsekuttivi
2. Jiddikjara u jiddeciedi illi l-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu
3. Jiddikjara illi l-bilanc dovut li ghadu ma thallsx jammonta ghal elf u hames mitt lira (Lm1500)
4. Jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta’ elf u hames mitt lira u fin-nuqqas jirritorna l-vettura u jaghmel il-hlasijiet sal-lum dovuti.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut ipprezentata fl-20 ta’ Jannar 2006 li permezz taghha eccepixxa

1) Preliminarjament in-nullita` tal-avviz promotur stante illi l-atturi qed jitolbu lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jaghti gudizzju dikjaratorju, kif rizultanti mill-ewwel tliet (3) talbiet kif dedotti fl-avviz promotur u dan meta b’kull rispett dan l-Onorabbli Tribunal mhuwiex rivestit bil-kompetenza li jaghti gudizzji dikjaratorji.

2) Preliminarjament ukoll, it-talba fis-somma ta’ Lm1,500 flimkien mal-imghax li ddekorra sal-gurnata tal-prezentata

tal-avviz jirrendi dan it-Tribunal inkompetenti ‘ratione valoris’ a tenur tal-artikolu 760(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta (vide N. Calleja Trading Ltd vs Philip Giordamaina (Citaz Nru: 1175/2002GCD) deciza 4/11/2004).

3) Illi t-talbiet attrici kif dedotti huma intempestivi u anke infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-partijiet lahqu ftehim gdid bejniethom illi permezz tieghu l-eccipjent kellu jibda jeffettwa hlasijiet rateali fis-somma ta’ Lm60 fix-xahar, kien gie accettat l-ewwel hlas b’din is-somma rateali mensili pero` l-atturi ma ridux ikomplu jonoraw il-ftehim gdid minnhom milhuq mal-eccipjent u ippretendew illi unilateralment jirrivertu ghar-rata mensili minnhom pattwita u rrifjutaw li jkompli jaccettaw il-hlas bir-rata mensili l-gdida hekk miftiehma.

4) Illi l-eccipjent huwa dispost illi jkompli jonora l-hlas tal-pagamenti mensili fis-somma ta’ Lm60 kif miftiehem.

5) Illi f’kull kaz l-eccipjent m’ghandux ibati spejjez u kundanna ghall-hlas tal-imghax.

Ra d-decizjoni in parte tat-3 ta’ Ottubru 2006 li permezz taghha t-Tribunal ddispona mill-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut billi cahadhom.

Ra illi l-kawza thalliet sine die fis-seduta tal-21 ta’ Gunju 2007 u giet ri-appuntata fuq talba ta’ l-atturi.

Sema` x-xhieda tal-attur **Emanuel Sultana** li waqt is-seduta tat-18 ta’ Settembru 2007 xehed illi ghad fadallu jiehu minghand il-konvenut is-somma ta’ Lm1500 u li apparti l-iskrittura li esebixxa ma’ l-Avviz ma ghandu ebda ftehim iehor mal-konvenut. Jghid ukoll illi l-vann qieghed f’idejn il-konvenut u gie traskurat u llum m’ghadux igib il-prezz li kien beghulu.

Sema` x-xhieda tal-konvenut **Paul Camilleri** li waqt is-seduta tat-2 ta’ Gunju 2008 xehed illi ftit xhur wara li xtara l-vann kien talab lill-attur sabiex ihallas hamsa u hamsin Liri Maltin (Lm55) flok mija u ghaxar Liri Maltin (LM110) fix-xahar. Huwa kien accetta pagament izda meta mar bit-

tieni wiehed ma riedhomx aktar. Il-vann baqa` fuq isem l-attur u peress illi l-konvenut ma jistax igedded il-licenzja minghajr kopja tal-ID Card tal-attur, l-istess vann ilu madwar sentejn gewwa u ma jistax jinhareg. Il-konvenut jghid li jaqbel illi l-ammont mitlub huwa dovut, qatt ma kkontesta l-ammont, izda hija r-rata tal-pagamenti li qieghed jikkontendi.

Ra d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra :

Illi l-konvenut iddikjara illi l-ammont mitlub fl-Avviz mhux kontestat, izda dak li kien qed jikkontesta kien il-fatt illi huwa kien lehaq ftehim ma' l-atturi ta' hlas mensili ta' Lm55 u mhux ta' Lm110. Dan piu` o meno in linea mat-tielet eccezzjoni fir-risposta tieghu.

Illi l-attur jichad illi kien intlahaq ftehim iehor wara dak maghmul fit-30 ta' Marzu 2005 quddiem in-Nutar Anthony Bonnici.

Illi mill-provi kollha prodotti, it-Tribunal ma jistghax isib illi l-konvenut ipprova l-pretensjoni tieghu, ossia illi kien sar ftehim li permezz tieghu inbidel dak tat-30 ta' Marzu 2005. Il-fatt inniffsu illi kien ghamel pagament ta' Lm55 flok ta' Lm110 – anke jekk veru – ma jfissirx illi nbidlu l-kundizzjonijiet tal-ftehim msemmi u esebit bhala DOK A.

Dan aktar u aktar meta l-versjoni tal-konvenut thalli hafna dubbji.

Fl-ewwel lok illi l-figuri minnu msemmija ma jaqblux la ma' l-iskrittura u lanqas ma' l-eccezzjoni tieghu stess. Fl-eccezzjoni ighid illi kien ftiehem li jhallas LM60 fix-xahar, mentri fix-xhieda ighid illi kien ftiehem illi jhallas LM55. Fix-xhieda tieghu ighid illi kien ihallas Lm110 mentri l-iskrittura tindika pagamenti mensili ta' LM100.

Irid jinghad ukoll illi hija l-kelma tal-attur kontra l-kelma tal-konvenut u dan ta' l-ahhar lanqas ricevuta tal-hlas minnhu maghmul fl-ammont ta' LM55 ma pprovda.

Dawn id-diskrepanzi, maghduda mac-cahda ta' l-attur illi intlahaq xi ftehim ulterjuri ghal dak maghmul quddiem in-Nutar Bonnici ma jghinu xejn sabiex il-konvenut jikkonvinci bil-verzjoni tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal, wara illi qies il-provi kollha prodotti, id-dokumenti kollha esebiti u l-fatti kollha li jiccirkondaw il-kaz, jaqta` u jiddeciedi billi jichad ukoll it-tielet, ir-raba` u l-hames eccezzjonijiet tal-konvenut, filwaqt illi jilqa` t-talbiet attrici u jordna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett elef erba`mija u erba` u disghin Euro u sitt centezmu (€3494.06), (gja Lm1500), lill-atturi ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------